MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Numru 955/2002

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

Vs

Massimo Caruana
Edwin Caruana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati Edwin Carauana numru karta ta’ identita’ 933344(M) u Massimo Caruana numru ta’karta ta’ identita’ 91880(M), akkuzati talli:

Gewwa l-Belt Valleta bejn is-26 ta’ Marzu 1996 u t-23 ta’ Frar 2002, bhala l-propjetarji jew amministraturi responsabbli jew konsumaturi tal-fond u cioe’ Nru 69A Triq Zekka il-Belt Valletta, b’mezzi qarrieqa li bihom

jistgha jwaqqaf jew ibiddel il-kejl, tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b’hekk ikkommettew serq ta’ dawl elettriku ta’ Lm453,65.02 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-Valur dan ai terminu tal-Artikoli 261, 263, 264(2), 267, 270 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti tal-process verbal esebit in atti.

Rat il-verbal taghha tat-12 ta’ Mejju 2004.

Ikkonsidrat:

L-akkuza titratta serq ta’ kurrent elettriku mill-fond 69A Triq Zekka Valletta.

Il-fatti riskontrati fir-rigward it-tehid illegali ta’ elettriku huma li rrisulta li l-meter tad-dawl kellu wire tar-ramm imdawwar bit-tape tal-plastik ta’ kulur iswed li kien imdahhal f’toqba ghal gewwa l-meter tali li l-konsum ma kienx qieghed jigi registrat.

Illi jirrisulta li ghal din l-irregolarita’ jahti l-imputat Edwin Caruana li fil-fatt ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu. Ma jirrisultax li l-imputat l-iehor kellu xi sehem.

Issa l-ammissjoni tal-imputat Massimo Caruana hi wahda volontarja u nkondizjonata.

Ghalhekk u filwaqt li tillibera ghal kollox l-imputat Edwin Caruana ssib lill-imputat l-iehor Massimo Caruana hati tal-akkuzi kontrih riportati. Rat l-Artikolu 261, 263, 264(2), 267, 270, 279, 280 u 18 tal-Kap 9 u tiddecidi li tilliberah bl-applkazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sitt xhur mill-lum u bil-kundizzjoni li jhallas lill-Korporazzjoni Enemalta l-ammont ta’ Lm454 b’pagament mensili u ninterotti u konseguttivi ta’ Lm10 fix-xahar, l-

ewwel pagament fl-ahhar ta’ dan ix-xahar u bid-dekadenza taz-zmien fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------